

Brussell, 24 ta' Frar 2026
(OR. en)

6642/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0063 (NLE)**

**ANTIDISCRIM 14
COCON 11
COHOM 36
COPEN 57
DROIPEN 34
EDUC 56
FREMP 65
JAI 236
MIGR 54
SOC 97
STATIS 9**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 103 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitati tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, dwar il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Komitati, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 103 final.

Mehmuż: COM(2026) 103 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2026
COM(2026) 103 final

2026/0063 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, dwar il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Komitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tirrigwarda d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Partijiet¹ (“CoP”) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (“il-Konvenzjoni ta’ Istanbul” jew “il-Konvenzjoni”), b’rabta mal-adozzjoni prevista tal-abbozz ta’ Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta’ organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta’ Istanbul (IC-CP(2026)1 prov). Ir-Regoli ta’ Proċedura tas-CoP jippermettu lill-Kumitat jawtorizza lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b’mod partikolari l-NGOs attivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, biex jibagħtu rappreżentanti bħala osservaturi għal-laqgħat tiegħu fuq bażi *ad hoc* (ir-Regola 2(3)(c)). L-abbozz ta’ Deċiżjoni jistabbilixxi proċess għall-applikazzjoni ta’ dawn ir-regoli fil-prattika billi jiddefinixxi proċedura għall-ammissjoni ta’ NGOs fil-laqgħat tiegħu u jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ammissjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta’ Istanbul

Il-Konvenzjoni ta’ Istanbul tistabbilixxi sett komprensiv u armonizzat ta’ regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fl-Ewropa u lil hinn minnha. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Awwissu 2014. L-UE ffirmat il-Konvenzjoni f’Ġunju 2017 u lestiet il-proċedura tal-adeżjoni bid-depożitu ta’ żewġ strumenti ta’ approvazzjoni fit-28 ta’ Ġunju 2023, li skattaw id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-UE fl-1 ta’ Ottubru 2023. L-UE ssieħbet mal-Konvenzjoni fir-rigward ta’ kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha, jiġifieri fir-rigward ta’ kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni² u fir-rigward ta’ kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement³. L-Istati Membri kollha tal-UE ffirmaw il-Konvenzjoni u 22 irratifikawha⁴.

2.2. Il-Kumitat tal-Partijiet

Is-CoP⁵ huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni. Il-Partijiet iridu jagħmlu hilitom biex jinnominaw, bħala r-rappreżentanti tagħhom, l-aktar esperti mlaħħqa

¹ [Il-Kumitat tal-Partijiet - Il-Konvenzjoni ta’ Istanbul Azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika](#)

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta’ Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj>.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta’ Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta’ materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj>.

⁴ L-istatus tar-ratifiki fit-28 ta’ Jannar 2026: AT (2013); BE (2016); CY (2017); DE (2017); DK (2014); IE (2019); EL (2018); ES (2014); EE (2017) FI (2015); FR (2014); HR (2018); IT (2013); LU (2018); MT (2014); NL (2015); PL (2015); PT (2013); RO (2016); SI (2015); SV (2014), LV (2023).

⁵ [Il-Kumitat tal-Partijiet - Il-Konvenzjoni ta’ Istanbul Azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika \(coe.int\)](#)

fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika⁶. Il-kompiti fdati lis-CoP huma elenkati fir-Regola 1 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Fl-1 ta' Ottubru 2023 l-UE saret Parti għall-Konvenzjoni, u bħala tali, membru tas-CoP (l-Artikolu 67(1) tal-Konvenzjoni).

Skont l-Artikolu 67(3) tal-Konvenzjoni, is-CoP adotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu⁷ fl-ewwel laqgħa tiegħu fl-4 ta' Mejju 2015. Ir-Regola 2(3)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tistabbilixxi li "l-Kumitat jista' jawtorizza rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, biex jibagħtu rappreżentanti bħala osservaturi għal-laqgħat tiegħu fuq bażi *ad hoc*".

2.3. Id-Deċiżjoni prevista dwar il-parteciċipazzjoni tal-NGOs bħala osservaturi fil-laqgħat tas-CoP

B'segwitu għal talba ta' NGO biex tipparteċipa bħala osservatur f'laqgħa tas-CoP, saret diskussjoni preliminari dwar l-approċċ tal-Kumitat għal talbiet bħal dawn fit-18-il laqgħa tas-CoP fil-5 u s-6 ta' Ġunju 2025, abbażi tad-dokument IC-CP(2025)12. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, is-Segretarjat tas-CoP ikkondivida d-dokument IC-CP(2025)31 f'Ottubru 2025, li jiddeskrivi proċedura possibbli għall-ammissjoni tal-NGOs fil-laqgħat tiegħu u li jipproponi lista ta' kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, biex iservi bħala bażi għad-diskussjonijiet fil-laqgħa li jmiss tas-CoP. Id-diskussjonijiet inizjali u l-kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet, wasslu għal qbil fil-Grupp ta' Hídma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP, Fundamental Rights, Citizens' Rights and Free Movement of Persons) fis-26 ta' Novembru 2025, dwar għadd ta' punti li għandhom jitressqu mill-Kummissjoni f'isem l-UE matul id-diskussjonijiet fil-laqgħa li jmiss tas-CoP. Dawn kienu jinkludu suġġerimenti dwar il-kriterji li għandhom jintużaw meta l-NGOs jiġu ammessi bħala osservaturi, il-ħtieġa għal proċedura ta' awtorizzazzjoni ċara u sempliċi (inkluża proċedura bil-miktub kif deskritt fl-IC-CP(2025)12, p. 6) u li l-parteciċipazzjoni tal-osservaturi jenħtieġ li tkun fuq bażi *ad hoc* u limitata għad-diskussjonijiet tematiċi tas-CoP, u b'hekk separata b'mod ċar mid-diskussjonijiet u l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet indirizzati lill-Partijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni. Il-COREPER sussegwentement approva dan l-approċċ fit-28 ta' Novembru 2025 (WK 15858/25).

Matul id-19-il laqgħa tas-CoP fil-11 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni esprimiet il-linja maqbula li għandha tittieħed. Fil-laqgħa ġie deċiż li s-Segretarjat tas-CoP jenħtieġ li jinkorpora dawn il-punti f'abbozz ta' Deċiżjoni li għandu jiġi adottat permezz ta' proċedura bil-miktub.

Fis-27 ta' Jannar 2026, is-Segretarjat tas-CoP ikkondivida l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-parteciċipazzjoni tal-NGOs bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul (IC-CP(2026)1 prov) ("l-att previst"). Is-Segretarjat stieden lill-Partijiet japprovaw il-proposta permezz ta' proċedura bil-miktub. Ġie kkomunikat ukoll li, sakemm ma jiġux ippreżentati oġġezzjonijiet bil-miktub lis-Segretarjat sas-26 ta' Marzu 2026, l-att previst jitqies bħala adottat.

⁶ Ir-Regola 2.1.b tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Partijiet. Id-Dokument IC-CP(2015)2, adottat fl-4 ta' Mejju 2015.

⁷ Id-Dokument IC-CP(2015)2, adottat fl-4 ta' Mejju 2015, [Regoli ta' Proċedura](#).

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Ir-Regoli ta' Proċedura tas-CoP jippermettu lill-Kumitat jawtorizza lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-NGOs attivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, biex jibagħtu rappreżentanti bħala osservaturi għal-laqgħat tiegħu fuq bażi *ad hoc* (ir-Regola 2(3)(c)). L-att previst jistabbilixxi proċess għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-prattika billi jiddefinixxi proċedura għall-ammissjoni ta' NGOs fil-laqgħat tiegħu flimkien mal-kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ammissjoni.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-proċedura għall-ammissjoni tal-NGOs għal-laqgħat tas-CoP, huwa propost li d-Deċiżjoni li tiġi ammessa NGO speċifika biex tipparteċipa bħala osservatur *ad hoc* għandha tiġi deċiża mill-membri kollha tas-CoP. Għal dan l-għan, malli jirċievi talba mingħand NGO u qabel il-laqgħa rilevanti, is-Segretarjat tas-CoP għandu l-obbligu li jorganizza proċedura ta' qbil taċitu bil-miktub, li titlob approvazzjoni mill-membri kollha tas-CoP. Jekk ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni matul din il-proċedura, is-Segretarjat għandu l-obbligu li jinnotifika lill-NGO li l-parteċipazzjoni tagħha bħala osservatur *ad hoc* tkun ġiet konċessa. Jekk ikun hemm oġġezzjoni, id-deċiżjoni għall-ammissjoni jenħtieġ li tittieħed fil-laqgħa rilevanti tas-CoP, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura. L-oġġezzjonijiet potenzjali jenħtieġ li jkunu motivati sew, marbuta mal-kriterji ta' ammissjoni u jsiru f'ċertu limitu ta' żmien. Jekk ikun possibbli, l-NGO rilevanti mbaġhad tiġi nnotifikata immedjatament dwar id-deċiżjoni għall-ammissjoni, u, f'każ ta' deċiżjoni pożittiva, tiġi mistiedna tipparteċipa fil-punt rilevanti tal-aġenda f'dik il-laqgħa tas-CoP.

It-tieni nett, fir-rigward tal-parteċipazzjoni, huwa propost li l-ammissjoni għall-parteċipazzjoni tkun limitata għad-dibattiti tematiċi tal-Kumitat u li tkun b'parteċipazzjoni fiżika. L-ambitu tal-approvazzjoni għandu jiġi deskritt fid-Deċiżjoni li tikkonċedi l-istatus ta' osservatur *ad hoc* u t-terminu "*ad hoc*" (kif użat fir-Regola 2(3)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat) jista' jfisser li l-ammissjoni tista' tiġi konċessa biex tkopri aktar minn laqgħa waħda jekk l-ammissjoni għad-dibattitu tematiku li tkun ġiet konċessa tkun mifruxa fuq diversi laqgħat.

It-tielet, fir-rigward tal-kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ammissjoni, qegħdin jiġu proposti l-kriterji li ġejjin: (a) is-sottomissjoni f'waqtha ta' talba debitament motivata mill-organizzazzjoni li tkun qiegħda tfittex ammissjoni *ad hoc* (mill-inqas erba' ġimgħat qabel il-laqgħa), (b) l-aderenza tal-organizzazzjoni mal-valuri tal-Kunsill tal-Ewropa, (c) l-attività tal-organizzazzjoni fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, u r-rilevanza tal-ħidma tagħha għall-attività ta' monitoraġġ imwettqa mis-CoP; u (d) ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni jew it-twettiq ta' attivitajiet tagħha fi Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa jew f'pajjiżi li kienu parti għall-Konvenzjoni ta' Istanbul jew li esprimew interess li jsiru parti għaliha.

Huwa propost li l-pożizzjoni tal-UE jenħtieġ li tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-NGOs bħala osservaturi fil-laqgħat tas-CoP, kif deskritt fid-dokument IC-CP(2026)1 prov. L-abbozz ta' Deċiżjoni jirrifletti l-punti mqajma mill-Unjoni fil-laqgħa tas-CoP fil-11 ta' Diċembru 2025, inkluż, b'mod partikolari, li l-parteċipazzjoni tal-NGOs jenħtieġ li ma tkunx limitata għad-dibattiti tematiċi. Il-proċedura ssuġġerita tidher raġonevoli, effiċjenti u ċara biżżejjed, u l-kriterji proposti huma xierqa u mfassla biex jiżguraw li l-NGOs rilevanti jiġu aċċettati.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”⁸.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat tal-Partijiet huwa korp stabbilit mill-Konvenzjoni ta’ Istanbul. L-att li l-Kumitat tal-Partijiet qiegħed jintalab jadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali. L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta’ att previst li jkollu għadd ta’ oġġettivi simultanjament, jew li għandu bosta komponenti, li huma marbutin b’mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv ewlieni tal-att previst huwa li jipprovdi gwida dwar kif għandha tiġi applikata r-Regola 2(3)(c) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Kumitat fil-prattika, billi jstabbilixxi proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-NGOs biex jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tiegħu u l-kriterji li għandhom jintużaw biex jiġu vvalutati tali applikazzjonijiet. Fir-rigward tal-bażi legali sostantiva, l-UE ssieħbet mal-Konvenzjoni ta’ Istanbul fir-rigward ta’ materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha, jiġifieri kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni⁹ u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja

⁸ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta’ Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1–3.

f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement¹⁰. L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul seħħet permezz ta' żewġ Deċiżjonijiet distinti tal-Kunsill biex jittieħed kont tal-pożizzjoni speċjali tad-Danimarka u tal-Irlanda fir-rigward tat-Titolu V tat-TFUE. B'konsegwenza ta' dan, id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CoP fir-rigward tal-att previst trid tinqasam f'żewġ deċiżjonijiet paralleli. Il-bażi legali għal din id-deċiżjoni tikkonċerna kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta tinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 78(2).

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 78(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4–6

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, dwar il-parteciċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 78(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075¹¹ fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076¹² fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, sa fejn dawn il-materji jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, u daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023.
- (2) Il-Kumitat tal-Partijiet ("il-Kumitat") huwa korp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 67(3) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess ("ir-Regoli ta' Proċedura")¹³. Ir-Regoli ta' Proċedura jipprevedu li l-Kumitat jista' jawtorizza lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, biex jibagħtu rappreżentanti bħala osservaturi għall-laqgħat tiegħu fuq bażi *ad hoc* (ir-Regola 2(3)(c)). Ir-Regola 2(3)(d) tipprevedi ulterjorment li l-osservaturi ma għandhom l-ebda dritt tal-vot jew ta' ħlas tal-ispejjeż.
- (3) B'segwitu għat-talba ta' organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) biex tipparteċipa f'laqgħa tal-Kumitat bħala osservatur, deher ċar li l-proċedura u l-kriterji għall-ammissjoni tal-NGOs bħala osservaturi *ad hoc* kellhom jiġu stabbiliti għall-finijiet tal-

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1), [id-Deċiżjoni - 2023/1075 - MT - EUR-Lex](#).

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement (ĠU L 143 I, 2.6.2023 p. 4), [id-Deċiżjoni - 2023/1076 - MT - EUR-Lex](#).

¹³ Id-Dokument IC-CP(2015)2, adottat fl-4 ta' Mejju 2015, [Regoli ta' Proċedura](#).

implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura rilevanti. Id-diskussjonijiet dwar l-approċċ tal-Kumitat għal talbiet bħal dawn saru fit-18 u d-19-il laqgħa tal-Kumitat f'Ġunju 2025 u Diċembru 2025.

- (4) Fis-27 ta' Jannar 2026, abbażi tad-diskussjonijiet fil-Kumitat, is-Segretarjat tal-Kumitat ikkondivida abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-NGOs bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul (IC-CP(2026)1 prov) ("l-att previst"). Is-Segretarjat stieden lill-Partijiet japprovaw il-proposta permezz ta' proċedura bil-miktub. Għe kkomunikat ukoll li, sakemm ma jiġux ippreżentati oġġezzjonijiet bil-miktub lis-Segretarjat sas-26 ta' Marzu 2026, l-att previst jitqies bħala adottat.
- (5) Fir-rigward tal-proċedura proposta, l-att previst jipprevedi li l-Kumitat irid jiddeċiedi dwar l-ammissjoni tal-NGOs bħala osservaturi *ad hoc* permezz ta' proċedura ta' qbil taċitu bil-miktub organizzata mis-Segretarjat qabel il-laqgħa rilevanti, b'deċiżjoni li trid tittieħed fil-laqgħa rilevanti stess f'każ ta' oġġezzjonijiet. Il-parteċipazzjoni trid tkun limitata għad-dibattiti tematiċi tal-Kumitat u tista' tkun estiża fuq diversi laqgħat. Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ammissjoni jenħtieġ li jinkludu l-preżentazzjoni f'waqtha tat-talba, l-aderenza tal-organizzazzjoni mal-valuri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-attività tagħha fil-qasam tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika u r-reġistrazzjoni tagħha jew it-twettiq ta' attivitajiet tagħha fi stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jew f'pajjiżi li kienu parti għall-Konvenzjoni ta' Istanbul jew li esprimew interess li jsiru parti għaliha.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, billi l-att previst se jkun vinkolanti fir-rigward tal-Unjoni taħt id-dritt internazzjonali.
- (7) Sabiex jiġu implimentati r-Regoli ta' Proċedura li jippermettu lill-NGOs jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat fuq bażi *ad hoc*, il-Kumitat jeħtieġlu jiddeċiedi dwar proċedura għall-ammissjoni tal-NGOs għal-laqgħat tiegħu u li jaqbel dwar lista ta' kriterji għall-valutazzjoni ta' tali applikazzjonijiet. Il-proċedura ssuġġerita tidher raġonevoli, effiċjenti u ċara biżżejjed, u l-kriterji proposti jidhru xierqa u mfassla biex jiżguraw li l-NGOs rilevanti biss jiġu aċċettati bħala osservaturi.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni kif deskritt fid-dokument IC-CP(2026)1 prov.
- (9) L-Irlanda mhijiex marbuta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 u għalhekk mhijiex tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni, għandha tkun dik ta' ebda oġġezzjoni għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul [IC-CP(2026)1 prov].

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*